MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 24/2011

Mobisle Communications Limited

vs

Simon Paul Lumsden

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba prezentat fl-ghoxrin (20) ta' Settembru ta' l-elfejn u hdax (2011) illi permezz tieghu l-kumpanija Mobisle Communications Limited irreklamat minghad il-konvenut Simon Paul Lumsden s-somma ta' elfejn mija u tlieta u disghin Ewro u tmenin centezmu (€2193.80) import ta' servizz telefoniku cellular bin-numru 79923106. Dan bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-disgha (9) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) bl-imghaxijiet legali kollha kontra l-konvenut.

Ra illi minkejja illi l-konvenut gie notifikat bl-avviz u bl-avviz tat-talba fil-hamsa (5) ta' Jannar tas-sena elfejn

utnax (2012) huwa naqas milli jipprezenta risposta kif ukoll naqas ukoll milli jidher quddiem it-Tribunal.

Sema lil Emanuel Cini jixhed fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn ikkonferma li d-debitu ghadu kollu dovut.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra illi din il-kawza giet mhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra.**

Illi l-konvenut baqa' qatt ma deher quddiem it-Tribunal kif ukoll qatt ma prezenta risposta minkejja illi kien notifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz tas-smiegh. Kien hemm zewgt udjenzi quddiem it-Tribunal fejn il-konvenut kellu kull opportunita li jidher.

Illi fin-nuqqas ta' oppozizzjoni tal-konvenut ghat-talba attrici u wara li sema bil-gurament lil Emanuel Cini, in rapprezentanza ta' l-istess kumpanija attrici, jikkonferma illi l-bilanc ghadu kollu dovut; u wara li ra d-dokumenti esebiti; t-Tribunal jidirlu illi t-talba attrici hija wahda gustifikata u timmerita li tintlaqa.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' elfejn mija u tlieta u disghin Ewro u tmenin centezmu (€2193.80) bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. Bl-ispejjez kollha, inkluz ta' l-ittra ufficjali msemmija fl-avviz tat-talba kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------